MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 378/2008

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Peress illi l-partijiet ikkontrattaw iz-zwieg fit-22 ta' Lulju 2000 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. A;

2. Peress illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Peress illi l-partijiet isseparaw fis-sena 2007 u matul is-seba' snin zwieg huma qatt ma ppruvaw biex ikollhom

it-tfal u dana stante li l-attrici ma riditx li jkollha tfal minn l-intimat;

4. Peress illi r-rikorrenti kellha erbatax-il sena meta bdiet tohrog mal-intimat zewgha u matul il-hajja mizzewga l-partijiet kienu jahdmu bix-shift, wahda diehla d-dar u l-iehor hiereg u ftit li xejn li kienu jiltaqghu flimkien u l-hajja taghhom kienet biss xoghol u hrug;

5. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-partijiet li jwettqu l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

6. Peress li l-kunsens tal-partijiet jew min minnhom nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

7. Peress li l-kunsens tar-rikorrenti inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Tghid ghalhekk l-istess intimata ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-22 ta’ Lulju 2000 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha, wara li ddikjara li hu jaqbel li z-zwieg huwa null, jattribwixxi din in-nullita’ lill-attrici fit-termini tal-paragrafi [c][d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-22 ta' Lulju 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxu dawn l-istess capita nullitatis lill-attrici.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fit-22 ta' Lulju 2000, wara li kienu lhom jiffrekwentaw lil xulxin circa tmien [8] snin, u meta allura l-attrici 21 sena u l-konvenut kellu 25 sena. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa sitt [6] snin, il-partijiet isseparaw de facto, u fit-12 ta' Ottubru 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Sussegwentement l-attrici dahlet f' relazzjoni extra matrimonjali ma' ragel iehor, u llum ghandha tarbija.

*Verzjoni Attrici*
Illi l-attrici tispjega li hi kienet bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha 14-il sena, u l-konvenut kellu 17-il sena. Meta ghalqet 16-il sena bdiet tibred emozzjonalment mir-relazzjoni, tant li kienet xtaqet li titterminaha, izda ma waslet qatt biex ghamlet dan il-pass principalment peress li l-genituri taghha kienu jihegguha tkompli mal-konvenut, u fi kliemha, "Bqajna, tista' tghid flimkien [ghax] jiena dejjem bzajt nieqaf mir-relazzjoni..... u kont nibza' dak iz-zmien, lanqas kelli hbieb, kulhadd bil-boyfriend, u hekk, u kont nghid issa biex nispicca wahdi.... Meta kont nitkellem

ma' tal-familja kienu litteralment jaghlqu l-argument, bhal speci jghiduli guvni bil-ghaqal m' ghandekx ghalxiex."[1]

Rigward is-sitwazzjoni taghha fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, l-attrici tghid "Jien ghalija, ha nghid hekk, nittama li wara li nizzewgu ser nissetilja u ser nhossni ahjar, dejjem kont nittama li ser jigi dak iz-zmien li nhossni ahjar, fis-sens li nibda nhobbu."[2]

Izda wara z-zwieg is-sitwazzjoni kienet marret ghall-aghar, tant li l-attrici kienet baqet teskludi li jkollha tfal mill-konvenut fiz-zwieg, liema fatt jinsab manifest fil-fatt li l-att taz-zwieg bejn il-partijiet dejjem sar bi prekawzzjoni kontra l-prokreazzjoni u dan fuq insistenza ta' l-attrici. Kienet hi li eskludiet li jipprovaw ghat-tfal fiz-zwieg. Fix-xhieda taghha tghid kategorikament li kienet hi li ma rieditx tfal.

*Verzjoni Konvenut*

Il-konvenut jispjega li meta zzewweg lill-attrici huwa kien ghamel dan biex jikkonvivi maghha, u jibni familja. Huwa ried li jkollhom tfal fiz-zwieg, izda kienet l-attrici li dejjem ipprokrastinat fid-decizjoni. Fl-ewwel erba' snin hija kienet takkampa mal-pretest li huma ma kienux ghadhom finanzjarjament sodi, izda wara, hareg car li hi ma kinitx riedet tfal fiz-zwieg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta car u manifest li l-attrici zzewget persuna li ma kinitx baqghet thobb, tant li, kieku kellha l-volonta' libera, hija kienet tittermina r-relazzjoni qabel iz-zwieg; izda hija ghaddset rasha u baqghet ghaddejja biz-zwieg bl-isperanza li xi darba terga' tibda thobb lill-konvenut, u kienet eskludiet minn qabel li jkollha tfal mill-konvenut. Ghaldaqstant il-kunsens matrimonjali taghha jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taghha hija kienet eskludiet obbligazzjonijiet essenzjali ghall-hajja matrimonjali, u cioe' dawk tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied.

[1] Dep.fol.44 *et seq.*
[2] Ibid.

Minn naha tal-konvenut, il-Qorti ma tirravviza ebda *caput nullitatis*.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi miluqgha fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.255 liema *caput nullitatis* jikkonfigura biss fil-konfront ta’ l-attrici.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta’ Lulju 2000.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------